2025/487

12.3.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/487

tal-11 ta' Marzu 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/1890.

(2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li titħassar l-entrata għal persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.

(3) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1890 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1890 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. DOMAŃSKI

([1]) ĠU L 291, 12.11.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1890/oj.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1890, titħassar l-entrata għall-persuna li ġejja:

1. Mehmet Ferruh AKALIN.